MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2006

Talba Numru. 2254/2003

**SMS Insurance Agency Limited (C5654) ghan-nom tas-socjeta` estera Ecclesiastical Insurance office plcf surrogata fid-drittijiet ta' Robert Theuma u l-istess Robert Theuma**

**Vs**

**Paolo Formosa**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Novembru 2003 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm841.49 (tmien mija wiehed u erbghin Lira Maltin u disgha u erbghin centezmu) rapprezentanti danni ikkagunati f'incident awtomobilistiku.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

L-ammont mitlub jirraprezenta danni subiti mill-atturi wara l-incident stradali fid-data u post indikati, bejn vettura CBE 721 misjuqa mill-attur Robert Theuma u vettura AAO 086 misjuqa mill-konvenut, ghal liema incident jahti unikament il-konvenut. Mill-ammont mitlub hamsa u sebghin Lira Maltin (Lm75) thallsu mill-attur Robert Theuma bhala “excess”.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra bonarja tas-27 ta’ Awissu (DokA); l-ittra ufficjali tal-31 ta’ Ottubru 2003 (DokB) u l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ghall-finijiet tal-Kap 104 (Dok C), u bl-imghax dekorribbli sa l-effettiv pagament

Ra r-risposta fejn inghad:-

It-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi, stante li l-incident stradali mertu tal-kawza odjerna ma sehhx b’tort tal-konvenut, u ghalhekk l-istess konvenut m’ghandu jkun ikkundannat ihallas ebda danni.

F’kull kaz, u bla pregudizzju ghall-premess, l-atturi jridu jaghmlu l-prova tad-danni rejalment sofferti minnhom.

Salv eccezzjonijiet ohra premessi mill-Ligi.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi l-kollizjoni okkorriet fuq *roundabout* ferm prattikata minn traffiku regolari – dik ta’ Hal Lija li tizbokka ghal Triq Dun Karm, ghan-Naxxar - Balzan.

Illi l-konvenut kien qed isuq *tool of trade* enormi - *mobile crane* ta’ 85 tunnellata. Kien qed jimmanuvra biex jigbed lejn in-Naxxar. L-attur kien b’*light car* trakk. Ex admissis l-attur stqarr li kien qed jipponta jaqbez it-toll mill-lemin tieghu fi spazju bejnu u bejn ir-*roundabout*.

Illi l-vettura misjuqa mill-konvenut ma kienitx zghira jew ma tidhirx. Huwa spicca maghluq ma’ taht it-trakk.

Illi kien impellenti fuq l-attur li jaghti d-dritta lil-konvenut b’enormita ta’ vettura bhal dik. Huwa jimxi bil-mod, iebes biex jimmanuvra u bil-mod biex tikkontrollah - huwa differenti minn karozza ohra. F’cirkostanzi simili, l-attur messhu d-dritta li l-*crane* biex jimmanuvra. A tempo vergine, l-attur ammetta li kkalkula li seta jghaddi fuq gewwa u haseb li kien sejjer fid-direzzjoni ta’ Naxxar. Hija massima ferm segwita li meta xufier ikun f’dubju, ghandhu jaghti id-dritta! L-attur ha cans u ghandu jbaghti l-konsegwenzi.

Jiddeciedi billi jichad it-talbiet attrici, jilqa’ l-eccezzjoni tal-konvenut, bl-ispejjes kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------